

31990R1906

6.7.1990

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 173/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1906/90**  
**tas-26 ta' Ġunju 1990**  
**dwar l-istandards tal-marketing għal-laħam tat-tjur**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1235/89 <sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 2 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2777/75 jipprovdi għat-twaqqif ta' l-istandards tal-marketing li jistgħu jirrelataw partikolarment mal-klassifikar skond il-kwalità u l-piż, l-ippakkjar, il-ħażna, it-trasport, il-preżentazzjoni u l-immarkar ta' xi tipi ta' laħam tat-tjur;

Billi dawn in-normi jistgħu jikkontribwixxu biex itejbu l-kwalità tal-laħam tat-tjur u, konsegwentement, jiffaċilitaw il-bejgħ ta' dan il-laħam; billi huwa għalhekk fl-interess tal-produtturi, tan-negozjanti u tal-konsumaturi li l-istandards tal-marketing għandhom ikunu applikati għal-laħam tat-tjur addattat għall-konsum mill-bniedem;

Billi dawn l-istandards għandhom għalhekk ikunu applikabbli għat-tipi ta' laħam tat-tjur in kwistjoni mmarkitjat fit-territorju tal-Komunità fi stadji differenti tan-negozju; billi, b'dankollu, jidher li huwa wkoll meħtieġ li jintgħażel il-laħam tat-tjur kollu f'żewġ kategoriji skond il-konformità u d-dehra; billi b'dankollu jidher li jkun aħjar li jkun eskluż mill-applikar ta' dawn l-istandards, bejgħ lokali fuq skala żgħira, il-qtuġh u l-iddissusar fil-lok tal-bejgħ hekk kif ipprovdut fl-Artikolu 3(5) u (7) tad-Direttiva tal-Kunsill 71/118/KEE tal-15 ta' Frar 1971 dwar problemi tas-saħħa li

jaffettwaw in-negozju tal-laħam tat-tjur frisk <sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 88/657/KEE <sup>(4)</sup>, u t-tqassim lejn l-industrija ta' l-ikel;

Billi t-tikkettar tal-laħam tat-tjur huwa suġġett għar-regoli ġenerali stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 79/112/KEE tat-18 ta' Diċembru 1978 dwar l-avviċinar tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-tikkettjar, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta' l-affarijiet ta' l-ikel għall-bejgħ lejn il-konsumatur aħħari <sup>(5)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/395/KEE <sup>(6)</sup>; billi, invista tan-natura tal-prodotti f'dan il-każ u sabiex il-konsumatur ikollu informazzjoni aktar sħiħa, u sabiex tiffaċilita n-negozju, xi miżuri b'żonjużi addizzjonali għandhom jiġu stabbiliti bi qbil mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 79/112/KEE, u partikolarment il-laħam tat-tjur għandu jkun ikklassifikat f'żewġ klassijiet ta' konformità, u l-kondizzjonijiet tal-klassifikazzjoni tal-laħam għall-bejgħ għandhom ikunu definiti; billi huwa wkoll mixtieq, għall-istess raġunijiet, li d-dettalji dwar il-metodu ta' l-iffriżar u t-tip ta' trobbija wżata għall-produzzjoni tat-tjur ikunu użati biss skond ir-regoli Komunitarji li għandhom jiġu mniżżla;

Billi l-laħam tat-tjur frisk għandu jiġi kkunsidrat mil-lat mikrobioloġiku bħala ikel li jmur malajr ħafna; billi huwa għalhekk neċessarju fil-każ ta' dan il-laħam tat-tjur li d-data tad-durabilità minima tiġi mibdula bid-data "uża sa" skond l-Artikolu 9a(1) tad-Direttiva 79/112/KEE;

Billi huwa essenzjali fl-interess tal-produttur u tal-konsumatur, li l-laħam tat-tjur importat minn pajjiżi terzi jkun konformi mal-livelli tal-Komunità; billi b'dankollu jidher li jkun aħjar jekk il-laħam tat-tjur għall-esportazzjoni mill-Komunità jkun eskluż minn din l-applikazzjoni;

Billi huwa neċessarju li jsiru regoli aktar dettaljati dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament; billi, peress li din hija materja ta' natura primarjament teknika, u l-probabilità ta' b'żonn ta' emendi frekwenti, il-proċedura fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75 hija aktar xierqa; billi għall-istess raġunijiet

<sup>(1)</sup> ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 77.

<sup>(2)</sup> ĠU L 128, tal-11.5.1989, p. 29.

<sup>(3)</sup> ĠU L 55, tat-8.3.1971, p. 23.

<sup>(4)</sup> ĠU L 382, tal-31.12.1988, p. 3.

<sup>(5)</sup> ĠU L 33, tat-8.2.1979, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 186, tat-13.6.1989, p. 17.

jidher li huwa indispensabbli li jiġu adottati bl-istess proċeduri l-miżuri neċessarji sabiex jasiguraw l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament;

Billi huwa xieraq li jitniżżlu perċentwali ta' ilma li jinxtorob mill-iġsma, liema proċess huwa teknikament inevitabbli, li m'għandhomx jiġu maqbuża waqt il-preparazzjoni ta' iġsma friski, friżati u ffriżati malajr; billi huwa neċessarju li jiġu stabbiliti metodi uniformi għall-verifikar tal-konformità ta' dan; billi n-natura teknika ta' dawn ir-regoli tagħmilha xierqa li tiffirmahom skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75; billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2967/76 tat-23 ta' Novembru 1976 li jwaqqaf livelli komuni għall-kontenut ta' ilma fit-tiġieġ u sriedaq friski, friżati u aktar friżati <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 3204/83 <sup>(2)</sup>, għandhu għalhekk jiġi mibdul;

Billi huwa fidejn kull Stat Membru li jinnomina l-awtoritajiet responsabbli sabiex jassiguraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu mħarsa; billi l-proċedura għal din is-supervizzjoni għandha tkun uniformi fl-Istati Membri kollha;

Billi huwa fidejn kull Stat Membru li jstabbilixxi penali li għandhom ikunu applikati f'każ ta' ksar tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### L-Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi livelli tas-swieq Komunitarji għal ċerti tipi u preżentazzjonijiet ta' laħam tat-tjur ta' l- ispeċi li ġejjin kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75:

- *Gallus domesticus*,
- papri,
- wiżż,
- dundjani,
- farawni.

Dan il-laħam tat-tjur m'għandhux jiġi mibjugħ b'negozju jew kummerċ sakemm ma jissodisfax id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

2. Dan ir-Regolament japplika biss għall-dawk il-karkasi tat-tjur, partijiet mill-karkasi tat-tjur u fdalijiet, inkluż *foie gras*, liema lista għandha tkun addottata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75.

3. Dan ir-Regolament m'għandux japplika:

- għal-laħam tat-tjur għall-esportazzjoni mill-Komunità, jew
- għat-tipi ta' bejgħ imsemmija fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva tal-Kunsill 71/118/KEE.

<sup>(1)</sup> ĠU L 339, tat-8.12.1976, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 315, tal-15.11.1983, p. 17.

4. Dan ir-Regolament m'għandux jaffetwa xi dispożizzjonijiet dwar suġġetti veterinarji u tas-saħħa u ta' l-ikel stabbiliti sabiex jasiguraw il-livell ta' iġjene u saħħa fil-prodott jew sabiex jipproteġu s-saħħa ta' l-annimali jew tal-pubbliku.

#### L-Artikolu 2

F'dan ir-Regolament:

1. "laħam tat-tjur" tfisser: laħam tat-tjur addattat għall-konsum mill-bniedem, li ma jkunx għadda mill-ebda trattament ħlief trattament ta' kesħa sabiex tiġi assigurata l-preservazzjoni;
2. "karkassa" tfisser: il-karkassa sħiħ ta' l-għasfur ta' l-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1(1) wara t-tneħħija tad-demem, it-tneħħija tar-rix u ta' l-imsaren; iżda t-tneħħija tal-qalb, il-fwied, il-pulmun, il-qansha, il-ħawsla, il-kliewi, l-għadam tas-sieq jew ir-ras m'għandhomx ikunu mandatorji; karkassa mnaddfa mill-imsaren tista tkun ippreżentata għall-bejgħ bil-ġewwieni jew mingħajru, jiġifieri il-qalb, il-fwied, il-qansha u l-għonq imdaħħla fid-dahħla abdominali;
3. "qatgħat minnu" tfisser: laħam tat-tjur li minħabba d-daqs u l-karatteristiċi tat-tessut muskolari jkun jista jingħaraf li jkun miksub mill-parti rispettiva tal-karkassa;
4. "laħam tat-tjur ippakkjat bil-lest" tfisser: laħam tat-tjur ippreżentat skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(3)(b) tad-Direttiva 79/112/KEE;
5. "laħam tat-tjur frisk" tfisser: laħam tat-tjur mhux imwebes bil-proċess tal-kesħa, li għandu jinżamm f'temperatura ta' mhux anqas minn - 2 °C u mhux aktar minn 4 °C f'kull ħin;
6. "laħam tat-tjur friżat malajr" tfisser: laħam tat-tjur li għandu jkun iffriżat mill-aktar fis possibli fir-restrizzjonijiet tal-proċeduri normali tat-tbiċċir u li għandu jinżamm f'temperatura mhux għola minn - 12 °C f'kull ħin. Xi devjazzjonijiet jistgħu b'danakollhu jiġu magħmula, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75;
7. "laħam tat-tjur friżat malajr" tfisser: laħam tat-tjur li għandu jinżamm f'temperatura ta' mhux aktar minn - 18 °C f'kull ħin fit-tolleranzi hekk kif ipprovduti fid-Direttiva tal-Kunsill 89/108/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar ikel friżat malajr għall-konsum mill-bniedem <sup>(3)</sup>;
8. "laħam tat-tjur mingħajr pakkettjar bil-quddiem" tfisser: laħam tat-tjur ippreżentat għall-bejgħ lejn il-konsumatur aħħari bla pakkettjar bil-quddiem jew inkella ppakkjat fil-post tal-bejgħ fuq it-talba tal-konsumatur.

<sup>(3)</sup> ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 51.

*L-Artikolu 3*

1. Laħam tat-tjur kif definit fl-Artikolu 1 għandu jiġi klassifikat bħala klassi "A" jew klassi "B" skond il-konformità u l-apparenza tal-karkassi jew tal-qatgħat. Il-klassi "A" għandha tiġi maqsuma f'A 1 u A 2 skond il-kriterji li għandhom jiġu definiti permezz tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75. Din il-klassifikazzjoni għandha tieħu f'kunsiderazzjoni, partikolarment l-iżvilupp tal-laħam, il-preżenza ta' xaħam, u l-ammont ta' ħsara u brix.

2. Il-laħam tat-tjur għandu jiġi mibjugħ f'waħda minn dawn il-kondizzjonijiet:

- frisk,
- iffriżat, jew
- friżat malajr.

3. Laħam tat-tjur friżat jew friżat malajr ippakkjati bil-quddiem jista' jiġi klassifikat f'kategoriji ta' piż, dispożizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75.

*L-Artikolu 4*

B'żieda tal-konformità mal-liġijiet nazzjonali addottati skond id-Direttiva 79/112/KEE, l-indikazzjonijiet ulterjuri segwenti għandhom jintwerew fuq id-dokumenti kummerċjali fit-tifsira ta' l-Artikolu 11(1)(b) ta' dik id-Direttiva:

- (a) il-klassi kif imsemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament;
- (b) il-kondizzjoni li fiha l-laħam tat-tjur ikun mibjugħ skond l-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament u t-temperatura tal-ħażna rrakkomandata.

*L-Artikolu 5*

1. B'żieda mal-konformità mal-liġijiet nazzjonali addottati skond id-Direttiva 79/112/KEE, it-tikkettjar, il-preżentazzjoni u r-reklamar tal-laħam tat-tjur maħsub għall-konsumatur aħħari għandu jsegwi l-bżonnijiet addizzjonali stabbiliti fil-paragrafi 3, 4, 5 u 6 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 7(2).

2. Fil-każ ta' laħam tat-tjur frisk, id-data tad-durabilità minima għandha tiġi mibdula bid-data "uża sa" bi qbil ma l-Artikolu 9a(1) tad-Direttiva 79/112/KEE.

3. Fil-każ ta' laħam tat-tjur pakkettjati bil-quddiem, id-dettalji segwenti għandhom jidhru wkoll fuq l-ippakkettjar bil-quddiem jew fuq it-tikketta mwaħħla miegħu:

- (a) il-klassi kif imsemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament;
- (b) fil-każ ta' laħam tat-tjur frisk, il-prezz totali u l-prezz skond il-piż fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut;
- (c) il-kondizzjoni li fiha l-laħam tat-tjur ikun mibjugħ skond l-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament u t-temperatura tal-ħażna rrakkomandata;

(d) in-numru tar-reġistrazzjoni tal-biċċerija jew l-impjant tal-qtuġħ, sakemm il-qtuġħ u l-iddissusar ma jkunx sar fil-post tal-bejgħ kif hemm provvediment fl-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 71/118/KEE;

(e) fil-każ ta' laħam tat-tjur importat minn pajjiżi terzi, indikazzjoni tal-pajjiż.

4. Meta l-laħam tat-tjur ikun offrut għall-bejgħ mingħajr pakkettjar bil-quddiem, sakemm il-qtuġħ u l-iddissusar ma jkunx sar fil-post tal-bejgħ kif hemm ipprovdut fl-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 71/118/KEE, sakemm il-qtuġħ u l-iddissusar ikun intalab mill-konsumatur u jkun sar fil-preżenza tiegħu, l-Artikolu 12 tad-Direttiva 79/112/KEE għandu japplika għal dawn l-indikazzjonijiet addizzjonali segwenti:

- (a) il-klassi kif imsemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament;
- (b) il-prezz skond il-piż fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut;
- (c) il-kondizzjoni li fiha l-laħam tat-tjur ikun mibjugħ bi qbil mal-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament u t-temperatura tal-ħażna rrakkomandata;
- (d) in-numru tar-reġistrazzjoni tal-biċċerija jew l-impjant tal-qtuġħ;
- (e) fil-każ ta' laħam tat-tjur impurtat minn pajjiżi terzi, indikazzjoni tal-pajjiż.

5. Ir-regoli dettaljati dwar l-indikazzjoni ta' l-isem taħt liema l-prodott qed jiġi mibjugħ fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(1) tad-Direttiva 79/112/KEE jista' jiġi stabbilit bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75.

6. Regoli dettaljati dwar:

- (a) l-indikazzjoni mhux mandatorja fuq il-metodu ta' friżar użat; u
- (b) l-indikazzjoni mhux mandatorja fuq it-tip ta' trobbija użata, u l-kondizzjonijiet għall-kontrolli regolari li jsiru fuq l-użu ta' dawn l-indikazzjonijiet

għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75.

Il-kondizzjonijiet li taħtom il-kontrolli regolari msemmija f'(b) jistgħu jiġu magħmula minn persuna nominata mill-Istat Membru u jipprovdut l-garanziji neċessarji għall-indipendenza mill-produtturi kkonċernati, għandhom isiru skond l-istess proċedura.

*L-Artikolu 6*

Bħala deroga mill-Artikoli 3, 4 u 5 m'għandux ikun neċessarju li jiġi klassifikat il-laħam tat-tjur jew li jiġu indikati d-dettalji addizzjonali msemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5 fil-każ ta' tqassim lejn l-istabbilimenti tal-qtuġħ u l-ipproċessar kif provdut fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 80/879/KEE tat-3 ta' Settembru 1980 dwar l-immarrkar tas-saħħa fuq pakki kbar ta' laħam tat-tjur <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU L 251, ta' l-24.9.1980, p. 10.

*L-Artikolu 7*

1. Il-perċentwali ta' ilma li jkun asorbit, teknikament inevitabbli li m'għandhomx ikunu misbuqa waqt il-preparazzjoni ta' karkassi friski, iffriżati u ffriżati malajr għandu jkun iddeterminat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75, kif ukoll metodi uniformi għall-ivverifikar tal-konformità ma' dan.

2. L-indikazzjoni tal-perċentwali ta' l-ilma teknikament inevitabbli msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jsiru mandatorji skond l-istess proċedura.

*L-Artikolu 8*

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet kompetenti, responsabbli għall-issorveljar tal-konformità ma' dan ir-Regolament mhux inqas minn xahar qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. In-nomina msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintbagħat lejn il-Kummissjoni u lejn l-Istati Membri l-oħra flimkien ma' kull tibdil.

3. L-Awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jagħmlu kontrolli ta':

- (a) kampjuni rappreżentattivi tal-laħam tat-tjur f'kull stadju tal-bejgħ kif ukoll waqt it-trasport;
- (b) kampjuni rappreżentattivi tal-laħam tat-tjur waqt iż-żmien li jkun għar-rilaxx tad-dwana għal-laħam tat-tjur li jkun geġ minn pajjiżi terzi.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-26 ta' Ġunju 1990.

*L-Artikolu 9*

Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, partikolarment il-kriterji għall-klassifikazzjoni fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(1) ta' dan kif ukoll miżuri mmirati sabiex jassiguraw l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament, għandhom ikunu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75.

*L-Artikolu 10*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jippenalizzaw il-ksur ta' dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 11*

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkomunikaw ma' xulxin l-informazzjoni neċessarja għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 12*

Ir-Regolament (KEE) Nru 2967/76 għandu jkompli japplika sakemm issir l-implimentazzjoni tal-miżuri adottati fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 13*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara li jkun ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu japplika b'effett mill-1 ta' Lulju 1991.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. O'KENNEDY